A.L. 129 ta' l-2005

ATT BIEX JIPPROMWOVI U JIPPROTEĠI S-SAĦĦA (ATT Nru. XIII ta' 2003)

Regolamenti ta' l-2005 dwar is-*Swimming Pools*

Bis-saħħa tas-segħtat mogħtija bl-artiklu 26 (iv) ta' l-Att ta' 2003 biex jippromovi u jipproteġi s-saħħa, il-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità' għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta l-2005 ta' *Swimming Pools* (Sigurtà għas-Saħħa Pubblika).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:-

"uffiċjal awtorizzat" tfisser kull persuna kwalifikata kif imiss li tkun awtoriżżata mill-awtorità kompitenti biex taqdi funzjonijiet taħt l-Att u tinkludi kull uffiċjal nominat;

"awtorità kompitenti" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

"persuna responsabbli" tinkludi il-manager jew is-sid;

"*swimming pool*" tfisser *swimming pool* pubblika jew kummerċjali li għandha tinkludi vaska artifiċjali maħsub għall-għawn rekreativ, għawm, għads jew użu terawpewtiku, li ssibha kemm ġewwa kif ukoll barra u hija provduta b'provvista ta' ilma kkontrollat u li ma tkunx tintuża, jew maħsuba biex tintuża bħala *swimming pool* f'residenza privata sakhemm li tintuża jew maħsuba biex tintuża għall finijiet kummerċjali jew ta' negozju u għanda tinkludi *wading pools, spas, whirlpools, hot tubs, swimming pools* għal-qbiż u *swimming pools* għall użu speċjali.

'*Swimming Pools'* li għall fini ta' dawn ir-regolamenti għandhom jinkludu *swimming pools* li jintużaw jew maħsuba biex jintużaw għall għawm rekreativ, għawm u għall-attivitàjiet rekreativvi akkwatiċi oħra;

'Wading Pools (*swimming pool* għaċ-ċafċif)' li għall fini ta' dawn ir-regolamenti għandhom jinkludu speċifikament *swimming pools* użati jew maħsuba biex jintużaw għaċ-ċafċif u għawn rekreativ minn tfal żgħar.

'Spas', 'Whirlpools', jew *'Hot Tubs'* li għall fini ta' dawn ir-regolamenti għandhom jinkludu *swimming pools* użati għall-għawn rekreativ li huma użati flimkien ma sistemi ta' arja b'veloċità qawwija, sistemi ta' ilma ċ-ċirkolata b'veloċità qawwija, ilma sħun, ilma kiesaħ, banjijiet b-ilma minerali jew taħlità ta' dawn l-affarijiet;

'*Swimming pools* għal-qbiż' li għall fini ta' dawn ir-regolamenti għandhom jinkludu *swimming pools* użati biss għall-qbiż, jew taħriġ u pratika fl-qbiż; u

'*Swimming pools* għall użu speċjali' li għall fini ta' dawn ir-regolamenti għandhom jinkludu *swimming pools* użati esklussivament għal użu partikolari, inkluż imma mhux limitàt biss għall *water flumes*, *swimming pools* għat-taħriġ ta' għads biċ-ċilindri, *swimming pools* terawpewtiċi, *hydrotherapy pools*, *floatation vessels* u *swimming pools* użati f'programmi akkwatiċi għal persuni b'diżabbilità.

Metodu ta' registrazzjoni.

3. (1) (a) Il-proprjetarju u l-persuna responsabbli ta' kull *swimming pool* m'għandhomx jippermettu l-użu ta' l-ebda *swimming pool* fuq il-post tagħhom mingħajr ma' qabel jkunu r-reġistraw dik l-istess *swimming pool* ma' l-awtorità kompetenti.

(b) Il-partikolarijiet li jingħataw fuq il-formola ta' reġistrazzjoni ma għandhomx ikunu qarrieqa, mhux eżatti jew mhux kompleti.

(ċ) L-Awtorità Kompetenti għandha żżomm reġistru ta' kull *swimming pool* reġistrata.

(2) Ir-reġistrazzjoni tas-*swimming pools* taħt dan ir-regolament ma' għandhiex teżenta lill-proprjetarju u jew il-persuna responsabli minn obbligazzjoni li japplika għal u jikseb, kull liċenżja jew permess neċessarju ieħor li jistgħu jkunu meħtieġa minn xi awtorità kompetenti oħra.

Emenda ta' l-insezjonijiet.

4. Meta jkun hemm bdil fl-informazzjoni magħmula fil-formola tar-registrazzjoni l-persuna responsabbli għandha id-dmir

li tinforma l-awtorità kompetenti ta' kull bdil fiż-żmien 28 ġurnata minn meta sseħħ.

Manwal tal-proċeduri operattivi dwar is-sigurtà tas-*swimming pool*.

5. (1) Il-persuna responsabbli għandhu:

(a) Jifformolaw manwal tal-proċeduri operattivi dwar is-*swimming pool* u li għandhom jinkludu proċeduri li jindirrizaw l-istrateġiji addotati għall prevenzjoni ta' korimenti u inċidenti, u jagħmlu dan il-manwal aċċessibli lill-Awtorità Kompetenti u jew lill-uffiċjal awtorizzat. Dan il-manwal għandu wkoll jinkludi l-operat tal-ġurnata tas-*swimming pool,* inkluż id-dettalji dwar ir-'*risk assessment*', pjan li jindika ir-riskji, żoni ta'aċċess u ħruġ, żoni ta' informazzjoni u bżonijiet neċċesarji dwar is-superviżżjoni.

Moniteragg fuq il-kwalità tal-ilma.

(b) Jiprovdi evidenza lill-Awtorità Kompetenti li l-kwalità ta' l-ilma tas-*swimming pool* dejjem kien miżmum fil-livelli indikati fl-iskeda I u II ta' dan ir-regolament.

(ċ) jżomm dokumenti ta' kull riżultat ta' l-analiżi li jistaw ikunu saru;

(d) jinforma lill-Awtorità Kompetenti fuq xi kampjun li jista jindika li l-kwalità tal-ilma kienet qabżet il-livelli rakkomandati fl-iskedi I u II;

(e) jinforma lill-Awtorità Kompetenti u jirreġistra kull każ ta' infezzjonijiet u jew inċidenti;

(f) jikkonforma ma kull kundizzjonijiet jew gwidi li l-Aworità Kompetenti tista toħroġ minn żmien għall żmien.

Swimming pools msaħħna.

6. Il-persuna responsabbli ta' kull *swimming pool* msaħħna għanda:

(1) żżomm it-temperatura ta' l-ilma bejn 27°C and 30°C kontinwament;

(2) żżomm kontinwament is-sala tas-*swimming pool* f'temperatura ambjentali ta' 1°C il-fuq mit-temperatura ta' l-ilma tas-swimming pool; u

(3) żżomm kontinwament il-livell tal-umdità relativa fis-sala tas-*swimming pool* f'livell ta' 55% sa 65% RH.

Swimming Pool 'turnover periods' u numru massimu ta' għawiema.

7. Huwa d-dmir tal-persuna responsabbli biex jopera is-*swimming pools* fil-proprjeta tiegħu bl-inqas 'turnover periods' u b'numru massimu ta' għawiema kif inhu indikat fl-iskedi III u IV ta' dawn ir-regolamenti rispettivament.

Ħtieġijiet ġenerali tas-*swimming pools* pubbliċi.

Ċarezza ta' l-ilma tas-swminng pool.

8. (1) Matul il-perijodu kollu li s-*swimming pool* tkun qed tintuża, l-ilma għandu jkun ċar biżżejjed li jippermetti diska 'sacchi' jew diska sewda b'dijametru ta' 15 il-ċentimetru fuq sfond abjad, meta tiġi mqeda fil-qieħ l-aktar fond tas-*swimming pool,* tkun tidher ċara mid-dekk tas-*swimming pool.*

Numru massimu ta' għawiema.

(2) (a) Għandha titwaħħal tabella li tindika in-numru massimu ta' għawiema f'post prominenti fejn is-*swimming pool*; u

(b) In-numru massimu ta' għawiema ma għandhux jinqabes fl-ebda ħin waqt li tkun qeda tintuża is-*swimming pool*.

Disinfettazjoni tas-*swimming pools*.

(3) L-ilma tas-*swimming pool* għandu jiġi disinfettat b' kull tip ta' metodu li normalment jiġi użat għad-disinfettazjoni tas-*swimming pool* u bl-użu ta' kull kimika mniżżla fl-iskeda V ta' dawn ir-regolamenti.

Id-dekk, kmamar fejn tbiddel, kmamar tat-tojlitts u kmamar tad-doċċa.

(4) (a) Il-kmamar fejn tbiddel, passaġġi, kmamar tat-tojlitts, doċċa jew kmamar oħra fejn il-patruni tas-*swimming pools* għandhom aċċess, irridu jinżammu il-ħin kollu nodfa, fi stat tajjeb ta' tiswija, u ivventilati sewwa.

(b) L-art tad-dekk tas-*swimming pool* u l-kmamar tad-doċċa u l-kmamar tal-loker jridu jiġu ttrattati kuljum b' doża ta' 0.5% kloru, jew fungiċida ekwivalenti.

(ċ) Kull persuna qabel ma tinżel tgħum fis-*swimming pool* għandha tinħasel bil-ilma sħun u sapun. Għall dan il-għan, id-doċċa qrib tas-*swimming pool* trid tkun provduta b'ilma sħun b'temperatura ta' 50°C, li jasal f'minuta min mindu jinfetaħ il-vit.

(d) It-tojlit, is-sink għall-ħasil ta' l-idejn u d-doċċa għandhom jinżammu fi stat tajjeb ta' tiswija. In-numru ta' dawn il-faċilitàjiet irridu jirrifletu in-numru minimu rikjest minn kriterji internazzjonali għall-ippjanar ta' meta jiġi approvat il-proġett.

Kmamar ta' l-apparat u l-apparat.

(e) Il-kmamar ta' l-apparat u l-apparat għandu kollu jinżamm fi stat tajjeb ta' tiswija, u fi stat tajjeb ta' ndafa u kundizjonijiet iġeniċi.

(f) Kull persuna li taf jew ikollha suspett ta' marda infettiva ma tistax tuża is-*swimming pool*.

Hinijiet ta' l-użu.

9. (a) Tabella trid tiġi mwaħħla f'post li tinqara fl-entratura tas-*swimming pool* li tindika il-ħinijiet ta' l-użu;

(b) Meta is-*swimming pool* ma tkunx qed tintuza, trid tiġi mwaħħla tabella 'MAGĦLUQA' ħdejn jew fuq il-ħinijiet ta' l-użu.

Resposabiltà ta' l-awtorità kompetenti.

10. (1) Meta kull *swimming pool* tinstab li ma tilħaqx il-ħtiġijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew meta tinstab kundizzjoni li tista toħloq riskju għas-saħħa pubblika jew inkonvenjent għas-saħħa ta' l-għawiema jew għal patruni tas-*swimming pool*, l-awtorità kompetenti għandha tordna biex dik is-*swimming pool* tingħalaq sakhem issiru l-korrezzjonijiet meħtieġa.

(2) L-awtorità kompetenti għandha ukoll tordna dan l-għeluq meta jkun hemm evidenza sinjifikanti ta' trasmissjoni ta' mard li jitieħed mill-użu tas-swimming pool, meta is-*swimming pool* pubblika tkun qegħda tiġi operata b'tali mod u manjira li tikkaġuna inkonvenjenza sinjifikanti għas-saħħa, jew meta jeżisti periklu għas-saħħa pubblika.

11. Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ikun ħati ta' reat taħt l-Att.

A.L. 77 ta' l-1997 revokata.

12. Att Legali 77 ta' l-1997 – Regolamenti dwar drittijiet għall-ananliżi ta' l-ilma ta' *Swimming Pools* issa jiġu revokati.

SKEDA I

LIVELLI MINIMI GĦALL- PARAMETRI MIKROBIJOLOĠIĊI

PARAMETRU	LIMITI	NOTI
Heterotrophic plate count (HPC)	<=10 cfu kull 100 ml wara li ssir inkubazzjoni f' 37ºC għall 24 siegħa	Jekk okkażjonalment jinstabu 'colony counts' għola, dawn huma aċċetabbli sakhemm ebda 'faecal coliforms' huma preżenti u il-kundizjonijiet operattivi tas-*swimming pool* huma sodisfaċenti. *Swimming pools* għat-tagħlim u għat-terapija bl-ilma.
Faecal coliform u jew *E. coli*	<1 cfu kull 100 ml	Għas-*swimming pools* disinfettati. *Swimming pools* mhux disinfettati, '*hot tubs*', '*whirlpools*', '*spas*', *swimming pools* għat-tagħlim u *swimming pools* għat-terapija bl-ilma.
Faecal streptococci	<1 cfu kull 100 ml	Għas-*swimming pools* disinfettati. *Swimming pools* mhux disinfettati, '*hot tubs*', '*whirlpools*', '*spas*', *swimming pools* għat-tagħlim u *swimming pools* għat-terapija bl-ilma.
Pseudomonas aeruginosa	<1 cfu kull 100 ml[1] <10 cfu kull 100 ml[1]	Għas-*swimming pools* disinfettati, *swimming pools* għat-tagħlim u għat-terapija bl-ilma *Swimming pools* mhux disinfettati, *hot tubs*, *whirlpools* u *spas*.
Staphylococcus aureus	<1 cfu kull 100 ml[1]	Kull tip ta' *swimming pool*
Legionella	<1000 cfu kull litru[2]	Għall *whirlpools*, *spas* u kull tip ieħor ta' *swimming pool* skond ir-regolament 4 (1)(c)

[1] Jekk in-numri jinstabu għoljien (>100 cfu kull 100 ml), l-operaturi tas-*swimming pool* għandhom jiċċekjaw iċ-ċarezza ta' l-ilma, ir-residwi tad-disinfetant u il-pH, jerġaw jittieħdu kampjuni, issir backwash shiħa, tistenna iċ-ċiklu shiħ jgħaddi u wara jerġaw jittieħdu kampjuni. Jekk il-livelli tal-P. Aeruginosa u jew Staphylococcus aureus jibqgħu l-istess, is-*swimming pool* għanda tingħalaq u titnddaf totali u jibda l-programm ta' disinfezzjoni.

Fil-kas ta' spa pools mhux klorinati, dbattil, tindif u mili tal-pools jew, alternivament, issaħħan l-ilma sa 70ºC u wara jiġi mkessaħ għall-temperatura operativa normali matul il-perijodu li ma jintużax jista jkun biżżejjed biex tikkontrolla il-P. aeruginosa (kif ukoll il-Legionella u l-Mycobacterium). Dawn il-miżuri jistgħu jintużaw meta il-livelli tal-P. aeruginosa jaqbżu 10 kull 100 ml.

[2] Jekk il-cfu għall Legionella huwa aktar minn 1,000 u sa 10,000, il-kampjun għandu jiġi ikkonferamt immedjatament billi jerġa jittieħed kampjun. Jekk in-numru jerġa jinstab simili, għandhu jsir reviżjoni tal-miżuri ta' kontrol u risk assessment biex jiġi identifikat xi tip ta' azzjoni rimedjat.

Jekk il-cfu għall-Legionella huwa akar minn 10,000 is-sistema għandha jittieħdilha kampjun immedjatament. Għanda wara tiġi 'shot dosed' b'bioċida tajjeb, bħala prekawzjoni. Ir-risk assessment u l-miżuri ta' kontroll għandhom jiġu riveduti biex tiġi identifikata l-azzjoni rimedjata. Is-swimming pool trid tingħalaq immedjatament.

SKEDA II

LIVELLI MINIMI GĦALL- PARAMETRI FIŻIKO-KIMIKALI

PARAMETRI	LIMITI	NOTI
pH	7.2 – 7.6 pH	Il-valur aġġusatat ta' l-pH ġeneralment jiddependi fuq jekk id-disinfettant użat hux minnhu innifsu 'alkaline' jew aċiduż.[1]
Turbidita	0.5 NTU	Meta s-standard ta' t-turbidita jinqabes , iffisser kemm deterjorazzjoni sinjifikanti fil-kwalita ta' l-ilma u periklu sinjifikanti għas-saħħa.
Free chlorine	1 – 3 ppm (mg/l)[2]	Residwi ta' Free Chlorine fis-*swimming pool* il fuq minn 5ppm (mg/l) jista joħloq baži ta' periklu għas-saħħa lill min jużaħ.
Kloru kombinat	Massimu normali 0.5 ppm (mg/l) jew inqas Massimu assolut 1.0 ppm (mg/l)	Livelli għoljin jindikaw li hemm wisq ammonja ġejja minn għaraq w urina mill-għawiema, li juri n-numru ta' għawiema jew it-tniġġis mill-għawiema huwa għoli ħafna jew it-taħlita hija baxxa ħafna.
Cyanuric acid[3]	30 ppm (mg/l) – massimu. approx. 60 ppm (mg/l)	Jekk il-livelli huma għola min 100 ppm (mg/l), il-kondizjonijiet mikro bioloġiċi jistgħu issiru mhux sodisfaċenti. Jekk il-livelli huma għola minn 200 ppm (mg/l), dawn jistgħu joħolqu periklu sinjifikanti għas-saħħa.
Residwi magħmula minn Bromine	1 – 6 ppm (mg/l)	Meta disifettanti magħmula minn bromine ikunu qedin jintużaw mal-ozone, il-konċentrazzjoni ta' bromine ion għandha tiġi monitorrjata u tinżamm f'15 – 20 ppm, (mg/l) il-ħin kollu.
Nitriti	Mhux preżenti[4]	
Ammonja	Mhux preżenti[4]	
Total ta' solidi li jinħallu	<3,000 ppm (mg/l) – idejalment 1,500 ppm (mg/l)	

[1] Disinfettanti alkaliniċi – sodium u calcium hypochlorite ġeneralment jirrikjedu biss li żżid l-aċidu biex tikkoreġi il-pH, normalment taħlita ta' sodium bisulfate, carbon dioxide jew hydrochloric acid.

Disinfettanti aċiduži – Gas tal-kloru u trichloroisocyanuric acid normalment jirrikjedu biss li żżid alkali, ġeneralment taħlita ta' sodium carbonate (soda ash), biex tgħolli il-pH.

[2] Huwa rekkomandat li l-operaturi jaspiraw għal residwi ta' free chlorine ta' 1ppm (mg/l) madwar is-*swimming pool*. F'*swimming pool* li jkun operat tajjeb huwa possibli li żżomm f'kull parti l-kwalita ta' ilma tajba b'livell massimu ta' inqas minn 2ppm (mg/l).

Ikun hemm bżonn residwi iktar baxxi ta' free chlorine (0.5 ppm (mg/l) jew inqas) bl-użu addizjonali ta' l-ozone. Ikun hemm bżonn livelli għola (2-3 ppm (mg/l) għall-*spa* u *swimming pools* għat-terapija bl-ilma, minħabba in-numru għoli ta' għawiema, temperaturi għolja, li jwasslu għal telf malajr fir-residwi ta' disinfettant u tkabbir ta' mikro-organiżmi.

[3] Cyanuric acid jinstab f'*swimming pools* jekk in-nisġa tal-kloru huwa minn chlorinated isocyanurate compounds. Cyanuric acid jintuża wkoll bħala stabiliżatur tal-kloru.

[4]Jekk preżenti, l-ilma tas-*swimming pool* irrid jiġi mħallat b' ilma frisk u wieħed irrid jiċċekja is-sistema ta' filtrazzjoni u jagħmel backwash. Din trid tiġi ripettuta sakhemm il-preżenza ta' nitriti u ammonja jiġu eliminati mil-ilma tas-*swimming pool*. Jekk jinstabu livelli eċċessivi, huwa rakkomandat li s-*swimming pool* tingħalaq sakhemm isir il-manutenzjoni neċċesarja.

SKEDA III

PERJODI MINIMI TA' 'TURNOVER' GĦAS-*SWIMMING POOL*[1]

Ir-raġuni li tagħti attenzjoni sew lill perijodi ta' 'turnover' huwa li tiżgura li l-ilma kollu huwa servut adekwatament. Ilma trattat għandu jintlaħaq f'kull parti tas-*swimming pool*, u l-ilma mniġġes irrid jitneħħa, speċjalment mil-parti li l-iktar tintuża u l-iktar iffullata mill-għawiema. Jekk dan ma jsirx, l-anqas trattament tajjeb bl-ilma ma jagħtiex kwalita ta' ilma tajjeb.

PERJODI TA' 'TURNOVER' RAKKOMMANDATI GĦAS-*SWIMMING POOLS*

TIP TA' *SWIMMING POOL*	**PERJODU TA' TURNOVER**
Swimming pools għal-kompetizjonijiet 50metru twal	3 – 4 siegħajt
Swimming pools konvenzjonali sa 25 metru twal b'parti baxxa ta' 1metru.	2.5 – 3 siegħajt
Swimming pool għal-għads	4 – 8 siegħajt
Swimming pool għat-terapija bl-ilma	0.5 – 1 siegħa
Leisure water bubble pools	5 – 20 minuta
Leisure waters sa 0.5 m fond	10 – 45 minuta
Leisure waters sa 0.5 – 1 m fond	0.5 – 1.25 siegħajt
Leisure waters 1 – 1.5 m deep	1 – 2 siegħajt
Leisure waters over 1.5 m deep	2 – 2.5 siegħajt
Spas	5 – 15 minuta
Teaching/learning/training pools	0.5 – 1.5 siegħajt
Water slide splash pools	0.5 – 1 siegħa

[1] Dan huwa il-ħin tejoretiku meħud għal volum ta' l-ilma totali tas-swimming pool biex jagħddi darba miS-sistema ta' filtrazzjoni. Ġie ppruvat li jkun hemm bżonn ta' mill-inqas 7 periijodi sħaħ ta' turnover qabel 99% ta' l-ilma tas-swimming pool jkun vera għadda mill-filtri.

SKEDA IV

NUMRU MASSIMU TA' GĦAWWIEMA[1]

In-numru massimu ta' għawiema huwa xi drabi mfisser bħala għawiem kull $3m^2$. Dan jagħti n-numru massimu ta' għawiema għas-*swimming pool* kollha, irrispettivament mill-fond, etc., u f'kull każ għandu jiġi modifikat fis-sens tat-tip tas-*swimming pool*.

IN-NUMBRU REKOMANDAT TA' GĦAWIEMA

TIP TA' *SWIMMING POOL*	IL-FORMOLA TAN-NUMBRU MASSIMU TA' GĦAWWIEMA
Ilma mhux fond (taħt 1 metru)	Għawwiem kull $2.2m^2$
Livell fond bil-wieqfa ta' l-ilma (1 – 1.5 m)	Għawwiem kull 2.7 m^2
Ilma fond (il- fuq minn 1.5 m)	Għawwiem kull 4 m^2

Bl-użu tal-formola in-numru ta' għawwiema miksub, li huwa in-numru massimu ta' għawwiema fis-*swimming pool* f'kull ħin, ma għandux jinqabes. Jekk in-numbru massimu ta' għawwiema jinqabes, huwa ikkunsidratt li jkun hemm riskju ta' inċidenti mhux aċċetabbli minħabba għawwiema li jidħlu f'xulxin, jew li jerqu, etc., u li jkollu impatt fuq is-sistema biex iżżomm ilma ta' kwalita tajba .

Matul l-istadju tad-disinn ta' *swimming pool* ġdida, il-formola biex taħdem in-numbru massimu disinjat ta' għawwiema hija[2]:

In-numru massimu disinjat ta' għawwiema =

<u>Ir-rata ta' ċ-ċirkolazzjoni ta' l-ilma tal-pool (f'metri kubiċi kull siegħa)</u>

1.7

[1] In-numbru ta' għawwiema huwa kejl ta' numru ta' għawiema fis-*swimming pool*. Is-*swimming pools* kollha għandhom jiddentifikaw u jżommu relazzjoni realistika bejn in-numru ta' għawwiema u *swimming pool* u il-kapaċita ta' l-impjant tat-trattament.

[2] In-numru massimu disinjat ta' l-għawwiema huwa in-numru ta' għawwiema f'kull Turnover Period li l-apparat taċ-ċirkulazzjoni u tal-filtrazzjoni jistgħu jżommu tajjeb mingħajr nuqqas fil-kwalita ta' l-ilma. Dan iffisser li l-ilma tas-*swimming pool* ma jibdiex issir mdardar min ħmieġ u trab eċċessiv, u l-livell ta Free Chlorine u il-livel ta' pH jibqa fil-limiti aċċetabbli madwar is-*swimming pool* kollha.

SKEDA V

DISINFETTANTI U SISTEMI TA' DISINFETTAZZJONI GĦAS-*SWIMMING POOLS*

DISINFETTANTI UŻATI FREKWENTAMENT F'*SWIMMING POOLS* KBAR W UŻATI ĦAFNA[1]	**DISINFETTANTI UŻATI INQAS FREKWENTAMENT**	**DISINFETTANTI UŻATI MĦUX FREKWENTAMENT, SPEĊJALMENT F'*SWIMMING POOLS* ŻGĦAR**
Kloru ▪ Gas ▪ Calcium/sodium hypochlorite ▪ Sodium dichloroisocyanurate ▪ Electrolytic generation Ozone/kloru f'taħlita Chlorine dioxide Chlorine dioxide/kloru f'taħlita	Bromine ▪ Bromine likwidu ▪ Bromochlorodimethylhydantoin (BCDMH) ▪ Sodium bromide + hypochlorite	Bromine chloride UV UV – ozone Iodio Hydrogen peroxide fidda/rham Biguanide

[1] Varjeta ta' disinfettanti jintużaw fit-trattament ta' l-ilma tas-*swimming pool*. Dawk mniżżla fl-ewwel kollona jirrapreżentaw l-akbar użu, speċjalment f' *swimming pools* pubbliċi u semi-pubbliċi li huma kbar u li jintużaw ħafna. Bl-eċċezjoni ta' l-gas tal-kloru u l-ozone, dawn id-disinfettanti huma ukoll użati f'ħafna *swimming pools* żgħar u semi-pubbliċi. Ftit minn dawn huma disinfettanti residwi i.e. huma preżenti fl-ilma fejn l-għawwiema jkunu esposti. Dawn jipprovdu protezzjoni iktar kontra l-kontaminazzjoni b'agenti infettivi sussettibli għall-disinfettazzjoni li jasal għall kuntatt mal-bniedem milli għall mad-disinfettant inniffsu. Oħrajn, partikolarment ozone u UV, huma effettivi fil-punt tat-trattament biss. Disinfettanti mhux residwi jintużaw ta' spiss f'taħlita ma disinfettanti residwi.